MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 586/2005

Maltacom p.l.c.
vs
Limelight Hotels Limited

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici li biha ppremettiet:

Illi skond ir-regolamenti vigenti li jirregolaw l-uzu tas-servizzi telefonici moghtija mis-socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta kellha taghti lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitt elef tliet mija disgha u sebghin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm6379.88) in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numri tnejn wiehed hamsa sebgha erbgha sitta sebgha sebgha (21574677), tnejn wiehed hamsa tmienja wiehed tnejn sebgha zero (21581270), tnejn wiehed hamsa tmienja hamsa tmienja sitta tlieta (21585863), tnejn wiehed hamsa tmienja hamsa tmienja sitta erbgha (21585864), tnejn wiehed hamsa sebgha

tnejn tlieta tlieta zero (21572330), tnejn wiehed hamsa sebgha zero erbgha tnejn zero (21570420), tnejn wiehed hamsa seba zero erbgha tnejn wiehed (21570421) u special card bin-numru erbgha tlieta wiehed disa (S/C4319).

Illi s-socjeta` konvenuta interpellata biex thallas l-ammonti dovuti kienet baqghet inadempjenti;

Illi dan id-dejn kien cert, likwidu u ezegwibbli;

Is-socjeta` attrici talbet lill-qorti:

1. Tiddeciedi l-kawza skond it-talba tas-socjeta` attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikoli 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitt elef tliet mija u sebghin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm6379.88).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali, u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta` konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` attrici.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat illi fis-seduta tal-lum deher is-Sur Joseph Borg, Chairman tas-socjeta` konvenuta u ta ruhu b-notifikat bic-citazzjoni u bl-avviz tas-smiegh u ddikjara li wasal fi ftehim mas-socjeta` attrici. Hu ammetta t-talba fic-citazzjoni kif dedotta, wara ftehim li din ma tigix ezegwita qabel Gunju 2006.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk fuq ammissjoni l-Qorti qed tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-art. 167 ***et seq*** tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ sitt elef tliet mija u sebghin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm6379.88), b’dan li s-sentenza ma tistax tigi ezegwita qabel Lulju 2006.

Spejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------